**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 432/2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Fredrick Mifsud**

Illum, 24 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Fredrick Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0004284(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-28 t'Awwissu 2020, bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar u t-tlieta ta' wara nofsinhar (14:00-15:00hrs) fi Triq il-Lanċa, Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

(1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anna Karsbjer, u dan skond ma' iċċertifika Dr Anthony Buttigieg M.D. (Reg. No. 1903) minn ġewwa l-Isptar Saint James, Sliema, u dan bi ksur tal-Artikoli 216 u tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(2) Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 11 ta' Ġunju 2020 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech LL.D, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio*' id-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta'

l-imsemmi Fredrick Mifsud, kif ukoll tordna is-somma ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) bħala depositu u garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba illi f'kaz ta' ħtija, tqis lil Fredrick Mifsud bħala li sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali u ċioe:

(a) Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv), 216(1)(b)(d), 216(2), 218(1)(a), 218(1)(b), 218(2), 222A(2)(3)(7) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikolu 579(1)(2)(3) u (4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tak-Liġijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 412D u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

Sabet lil Fredrick Mifsud ħati ta' l-ewwel imputazzjoni, izda dan biss għar-reat kompriż u inkluż ta' offiza ħafifa stante li l-kategorizzazzjonijiet tal-artikolu 216 ma ġewx ippruvati u ħati tat-tieni imputazzzjoni, filwaqt li ma sabitux ħati ta' l-addebitu tar-reċediva u ikkundanatu piena komplessiva ta' tlettax (13)-il xahar priġunerija kif ukoll ordnat l-arrest tiegħu mill-ġdid u ordnat li s-somma ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) msemmija fl-obbligazzjoni fid-digriet tal-11 ta' Ġunju 2020 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, jiġu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta. Illi, fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' ħtija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lil ħati Fredrick Mifsud iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti maħtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' elf, tlett mija u erba' Ewro u sitta u disgħin ċentezmu (€1,304.96). B'zieda mal-piena hawn fuq inflitta, u wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għaz-zamma tal-ordni pubbliku u sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Anna

Karsbjer, rabtet lill-ħati għall-perijodu ta' sena millum taħt penali ta' €2,000. *In oltre*, il-Qorti tat ordni ta' trazzin ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali a favur ta' Anna Karsbjer u dan għall-perijodu ta' sentejn mid-data tar-remissjoni tal-piena u li għandha tagħti effett għal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412Ċ(3)(6)(8)-(11) tal-Kodiċi Kriminali li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata tas-26 ta' Settembru 2021 u dan billi tilliberah mill-ewwel u tieni akkuża fl-intier tagħhom u billi tilqa' l-aggravji esposti u dan taħt dawk id-direttivi li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju vventilat minnu, l-appellant jillanja testwalment:

> "Illi l-akkużi kif dedotti huma nkwadrati sabiex-il waħda tinkwadra lil oħra b'mod naturali, għal liema raġuni kellu jiġi applikat il-prinċipju illi dik l-aktar gravi tinkorpora u tassorbi l-akkuzi l-oħra kollha."

Illi l-Qorti irriproduċiet *verbatim* dan l-aggravju għaliex qajla tista' tara kif l-istess jagħmel sens legalment. L-appellant kien mixli b'żewġ imputazzjonijiet, dik tar-reat tal-offiża volontarja fuq il-persuna u imbagħad kien akkużat li kiser digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fejn kien ġie lilu konċess il-ħelsien mill-arrest, bl-Ewwel Qorti issibu ħati taż-żewġ imputazzjonijiet, iżda illiberatu mill-addebitu tar-reċidiva.

Illi huwa mgħallem illi *"biex reat jista' jitqies li hu kompriz u involut f'iehor, l-ingredjenti kollha ta' l-ewwel wiehed iridu jkun jinsabu fir-tieni wiehed. Kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei fir-rigward ta' dak li jsejjahlu "reato complesso in senso lato", ikun hemm din il-figura ta' reat "quando un reato, in tutte o in alcune delle ipotesi contemplate nella norma incriminatrice, contiene in se` necessariamente altro reato meno grave". Proprju minhabba l-intenzjoni ossia l-element formali rikjest fir-reat ta' hsara volontarja minn naha u ta' ragion fattasi minn naha l-ohra, iz-zewg reati jeskludu wiehed lill-iehor, b'mod ghalhekk li ma jistax wiehed minhom ikun kompriz u involut fl-iehor.*[1]"

L-istess jista' jingħad f'dan il-każ bl-ingredjenti tar-reat ta'l-offiża fuq il-persuna huma għal kollox differenti minn dawk tar-reat tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imfassal fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser illi qatt ma seta' jseħħ dak illi qed jipprospetta l-appellant f'dan l-aggravju billi huwa legalment inkonċepibbli, għajr li jkun applikat dak imfassal fl-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali favur tiegħu. Dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni u fit-tielet aggravji vventilati minnu, l-appellant iressaq ilmenti marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn huwa kien ikkundannat għal piena karċerarja ta' tlettax-il xahar, oltre li ġie revokat id-digriet tal-ħelsien mill-arrest u il-konfiska tal-garanzija għall-għoti ta'l-istess fl-ammont ta' €2300. Jilmenta fit-tieni aggravju illi s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu hija waħda sproporzjonata u ma tirriflettix l-akkużi kif dedotti kontrih. Minn naħa l-oħra, fit-tielet aggravju mressaq minnu, l-appellant jilmenta li ġialadarba l-Ewwel Qorti ma sabitux ħati tal-addebitu tar-reċediva, allura ma kellix "id-diskrezzjoni" li tikkundannah għall-piena ta' tlettax-il xahar priġunerija, u għall-istess raġuni lanqas ma seta' jiġi ordnat iħallas is-somma ta' €2,300 msemmija fid-digriet tal-11 ta' Ġunju 2020 tal-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech.

[1] Il-Pulizija vs Carmelo Farrugia App. Inf. Deċiża 11/02/2002

Illi, anke fir-rigward ta' dawn l-aggravji l-appellant ma iressaq ebda argument validu imsejjes fuq il-liġi jew il-fatti tal-każ. Jibda biex jingħad illi huwa dejjem fid-diskrezzjoni ta' min ikun imsejjaħ biex jiġġudika li jinfliġġi dik il-piena li fiċ-ċirkostanzi tkun l-aktar idonja għal każ, u dan diment illi dik il-piena tkun waħda ikkontemplata fil-liġi. Kwindi l-argument li jressaq 'il quddiem l-appellant illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex id-diskrezzjoni tikkundannah għal piena karċerarja effettiva ma għandu ebda saħħa fil-liġi. Ukoll l-appellant ma jindika ebda mottiv li fuqha huwa isejjes il-lanjanza tiegħu fejn jidhirlu illi l-piena inflitta fuqu hija waħda sproprozjonata. Illi ċertament ma hijiex fil-manzjoni tal-Qorti li tfittex u tara Hi x'inhu dan il-mottiv li l-appellant jonqos milli jindika. Dan ukoll għaliex kif stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza, qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2] .

Illi, l-Artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali, li huwa l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat ta'l-offiza ħafifa fuq il-persuna, jistabbilixxi li l-piena li għandha tiġi mposta f'kaz ta' ħtija bħala dik "**il-piena ta' priġunerija għal zmien mhux izjed minn sentejn jew il-multa**", u dan irrispettivament jekk l-appellant instabx ħati *o meno* tal-addebitu tar-reċediva. Għalhekk isegwi li l-piena ta' tlettax-il xahar priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-liġi, għalkemm ixxaqleb lejn il-massimu. Illi l-Ewwel Qorti stqarret hekk meta ġiet biex tikkalibra l-piena:

> "Il-Qorti rat li dan il-każ ma kienx sempliċement argument jew xi nuqqas ta' ftehim li eskala, iżda kien attakk eżaġerat u kiefer fuq persuna innoċenti li ma stednitx dan l-aġir. Illi minħabba f'dan l-attakk il-vittma spiċċat b'imneħirha miksur oltre t-trawma li baqgħet fuqha u għad li jista' jibqa' fuqha għal tul ta' żmien."

Illi l-Qorti taqbel għal kollox mal-motivazzjoni li wasslet lill-Ewwel Qorti timponi piena karċerarja effettiva li tqarreb lejn il-massimu. Dan għaliex dan il-każ seta' kellu konsegwenzi ferm gravi, bl-appellant jaggredixxi tfajla b'mod vjolenti, li kienet qiegħda għal kwiet ħdejn il-baħar tkellem lil missierha fuq it-telefon, mingħajr ebda

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

mottiv, x'aktarx biex jabbuża sesswalment minnha. Jidher skond ix-xiehda tal-Psikjatra Joseph Spiteri illi l-appellant għandu problemi tal-personalita' u huwa afflitt minn PTSD, liema kondizzjonijiet mediċi għalhekk ghandhom ikunu ndirizzati ukoll fil-perijodu li ser ikun inkarċerat. Għalhekk *in vista* ta' dan kollu, dina l-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Illi, finalment l-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla l-konsegwenzi legali marbuta mal-ksur tal-kundizzjonijiet marbutin mal-ħelsien mill-arrest, jistipula illi

> **"... l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat."**

Illi, għal darb'oħra, il-fatt li l-appellant ma nstabx ħati tal-addebitu tar-reċediva, ma jnaqqas xejn mill-ħtija attribwita lilu dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet marbutin mal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu. Il-ħtija tiegħu dwar dan ir-reat aħħari ġiet stabbilita stante li l-appellant ikkommetta reat ieħor waqt li kien meħlus mill-arrest. Sussegwentement, ai termini tad-dispozizzjoni tal-Liġi appena ċċitata, il-garanzija depożitata trid tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta bl-uniku diskrezzjoni li kellha l-Ewwel Qorti kien fir-rigward tal-ammont li kellu jkun ikkonfiskat fejn dik il-Qorti kienet tal-fehma li l-ammont kollu kellu jkun soġġett għal konfiska stante n-natura serja tal-fatti ta' dan il-każ.

Għal dawn il-motivi dawn iż-żewġ aggravji mressaq mill-appellant qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar aggravju minnu ntentat l-appellant jilmenta li ġaladarba l-Ewwel Qorti sabitu ħati ta' ġrieħi ta' natura ħafifa, ma setgħet qatt tapplika l-Ordni ta' Protezzjoni għas-sigurta' ta' Anna Karsbjer għal perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza taħt penali ta' elfejn ewro. Għal darb'oħra l-appellant ma jindika ebda raġuni 'il għala l-

Ewwel Qorti ma setatx tagħmel dan, oltre għal fatt illi fis-sentenza appellata ebda Ordni ta' Protezzjoni ma ġiet imposta fuq l-appellant, iżda intrabat b'garanzija għaż-żamma tal-bon ordni fit-termini ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, oltre li ġiet imposta fuqu Ordni ta' Trażżin fit-termini ta'l-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-ebda waħda minn dawn id-dispozizzjoni tal-Liġi ma tikkontempla xi eskluzjoni mill-applikazzjoni ta'l-istess għal xi reat partikolari u għalhekk lanqas hawn l-appellant m'għandu raġun, u dan l-aggravju ukoll qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imhallef**